**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - *President***
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Francis *sive* Frank Refalo *et noe*

*versus*

Mark Laferla *et noe*

**Sentenza - Rekwiżiti ta' - Nullità ta' - Ġurisdizzjoni - artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Kawża għal irkupru ta' kumpens fuq* claims. *Ġie miċħud mill-Qorti ta' l-Appell l-aggravju illi s-sentenza appellata ma kellhiex ir-rekwiżiti neċessarji ta' l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fis-sens illi kienet sufficjentement immotivata u kellha referenza għat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Żiedet tgħallem il-Qorti ta' l-Appell illi Qorti mhijiex strettament obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li*

*fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni li trid tkun immotivata fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġ għall-validità tas-sentenza li telabora oltre dwar dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija. L-unika eċċezzjoni għal dan hu f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tal-proċedura timponi l-obbligu fuq il-Qorti li ċertu eċċezzjonijiet kellhom jiġu deċiżi b'kap separat u distint fid-dispositiv tas-sentenza. Anke hawn però ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata li tagħti motivazzjoni għal tali deċiżjoni. Il-liġi lanqas ma timponi taħt liema sura kellha l-Qorti tagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha.*

*Eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' Għawdex ma rriżultatx ippruvata mill-atti tal-proċess u fil-meritu l-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza appellata.*

Il-Qorti:-

L-attur *nomine* pproċeda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri Kummerċjali b'dan l-att taċ-ċitazzjoni;

"L-atturi wara li ppremettew id-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija u meħuda l-provvedimenti kollha li jkunu opportuni; u

Illi l-atturi *nomine* huma kredituri tal-kumpanniji konvenuti jew it-tnejn jew min minnhom fis-somma ta' sitt mija u ħamsa u tletin lira Maltija u għoxrin ċenteżmu (Lm635.20) u dana bħala kumpens fuq *claims* ta' ħsarat sofferti f'karozzi *self drive* ta' proprjetà tal-kumpannija attriċi li kienu inxurjati *third party full comprehensive* mal-kumpannija assikuratriċi "Laferla Insurance Services Limited" permezz tar-rappreżentant tagħha f'Għawdex Paul Pisani *nomine* u dana kif ser jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża;

Talbu lil din il-Qorti illi:

Tikkunanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm635.20 hekk dovuta kif ingħad";

Is-soċjetà konvenuta Laferla Insurance Services Limited hekk eċċeplet:

"Fl-ewwel lok iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla għaliex din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni;

Fit-tieni lok, iċ-ċitazzjoni attriċi hija nulla għaliex ma ġietx ippreżentata regolarment;

Fit-tielet lok, il-kreditu allegat mill-atturi huwa ineżistenti u fittizzju;

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jingħad ukoll illi l-atturi *nomine* huma d-debituri ta' l-eċċipjent *nomine* f'somma ċerta likwida u skaduta illi għandha f'kull każ titnaqqas mill-kreditu pretiż mill-atturi";

Il-konvenut Paul Pisani *nomine* naqas milli jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet u għalhekk baqa' kontumaċi;

Il-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex b'sentena ta' l-4 ta' Novembru, 1993, iddeċidiet il-kawża billi wara li ddikjarat li ma kellu l-ebda alternattiva oħra ħlief li taċċetta t-talbiet attriċi, ikkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi *nomine* s-somma ta' *Lm635.20 kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kompriżi dawk* tal-mandat ta' sekwestru relattiv u bl-imgħax kummerċjali;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Il-provi prodotti mill-atturi huma suffiċjenti sabiex

jikkonfermaw l-allegazzjonijiet attriċi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni. Il-konvenuti, mogħtija kull opportunità sabiex iressqu l-provi tagħhom (ara l-verbali ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar u ta' l-20 ta' Mejju, 1993), naqsu illi jġibu kwalunkwe prova, sia dwar l-eċċezzjonijiet preliminari minnhom intavolati u sia fil-meritu tal-kawża";

Minn din is-sentenza appellat biss is-soċjetà konvenuta Laferla Insurance Services Limited. Il-Qorti ser tqis l-aggravju tagħha fl-ordni mogħtija u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwarhom;

L-appellanti *nomine* sottomettew illi l-motivazzjoni u l-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Qorti ma jissodisfawx ir-rekwiżit ta' l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għalhekk is-sentenza appellata kienet nulla. L-espressjoni "illi l-provi prodotti mill-attur jikkonfermaw suffiċjentement l-allegazzjonijiet kif dedotti" ma kinitx skond l-appellanti motivazzjoni adegwata. Huma jissottomettu ukoll li l-Ewwel Qorti naqset li tadduċi xi motivazzjoni il-għala kellha tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari ssollevati ħlief illi qalet li ma kienu nġiebu l-ebda provi sabiex jissostanzjawha;

Qabel tqis dan l-aggravju hu meħtieġ li din il-Qorti tikkonstata x'ġara waqt it-trattazzjoni tal-kawża ntavolata fil-11 ta' Marzu, 1987, sakemm ġiet deċiża fl-4 ta' Novembru, 1993. Fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 1987, xehed l-attur. Ma ġara xejn aktar sas-7 ta' Novembru, 1989, meta allura l-kawża tħalliet *sine die. Il-kawża ġiet riappuntata fuq talba ta' l-attur* fit-22 ta' Mejju, 1990. Reġa' xehed l-attur fis-seduta tas-26 ta' Frar, 1991. Fis-seduta tal-5 ta' Novembru ta' l-istess sena xehed il-konvenut kontumaċi Paul Pisani. Eżattament sena wara reġa' xehed l-attur biex jipproduċa xi dokumenti in sostenn tat-talba tiegħu u pproduċa ukoll xi xhieda biex jikkorroboraw dawn id-

dokumenti. F'dik is-seduta tal-5 ta' Novembru, 1993, l-attur finalment jiddikjara li ma kellux iktar provi x'jipproduċi. Ingħataw żewġ differimenti oħra biex il-konvenuti appellanti jipproduċu l-provi tagħhom; xejn ma ġie minnhom prodott jew sottomess u l-kawża baqgħet differita għas-sentenza meta ġiet deċiża;

Ġustament allura l-Ewwel Qorti rrimarkat li kienet qed tiddeċidi l-kawża wara li rat il-provi prodotti mill-atturi. Dawn kienu jinkludu x-xhieda tal-konvenut kontumaċi Pisani li kienet in effetti tissostanzja t-talbiet attriċi. L-artikolu 218 tal-Kap. 12 li fuqu l-appellanti *nomine* qed jakkampaw in-nullità tas-sentenza *appellata jipprovdi li fis-sentenza għandu qabel xejn* jingħataw raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha u għandu jkun hemm fiha ukoll referenza għall-proċedimenti għat-talbiet ta' l-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Issa hu mmedjatament ċar li din id-disposizzjoni timponi l-minimu meħtieġ biex sentenza tiġi salvata u biex tkun torbot fuq il-kontendenti u tkun tikkostitwixxi ġudikat għalihom rigward tal-meritu kkunsidrat. Dan il-minimu jimporta l-identifikazzjoni tal-kawża b'referenza għall-proċediment taħt eżami, referenza għat-talbiet u għall-eċċezzjonijiet. Din il-parti tad-dispositiv hi ovvjament sodisfatta fis-sentenza appellata li nfatti tirriproduċi l-att taċ-ċitazzjoni, it-talbiet ta' l-attur u anke l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Dwar dan ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju. *Barra dan, il-Qorti kellha tagħti r-raġunijiet li* fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Mhijiex strettament obbligata li tispeċifika r-raġunijiet għaliex kienet qed tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut. Hi biss meħtieġa li tqis dawn l-eċċezzjonijiet fl-isfond tar-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Deċiżjoni li trid tkun motivata fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet mogħtija imma mhux meħtieġ għall-validità tas-sentenza li telabora oltre dwar dawn l-eċċezzjonijiet mogħtija. L-unika eċċezzjoni għal dan hu f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tal-proċedura timponi l-obbligu fuq il-Qorti li ċertu

*eċċezzjonijiet kellhom jiġu deċiżi b'kap separat u distint fid-*dispositiv tas-sentenza. Anke hawn però ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata li tagħti motivazzjoni għal tali deċiżjoni. Il-liġi lanqas ma timponi taħt liema sura kellha l-Qorti tagħti r-raġunijiet li fuqhom tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Hu ċar *li fejn il-konvenut ikun naqas li juri nteress li jiddefendi l-kawża* tiegħu stess, il-Qorti tkun ġustifikata - kif għamlet f'dan il-każ - li taċċetta bħala ppruvata t-talbiet attriċi jekk dawn jirriżultaw inkontestati minn min kellu jkollu nteress li jikkontestahom. Il-konvenuti f'dan il-każ ma għandhom l-ebda dritt jippretendu li l-Qorti kellha *tinteressa ruħha fil-kawżi tagħhom aktar* minnhom stess biex tissostitwixxi b'hekk id-diżinteress assolut aċċertat tagħhom;

Lanqas mhi sostenibbli s-sottomissjoni ta' l-appellanti *nomine* illi l-eċċezzjonijiet li huma taw ma kienu jirrikjedu l-ebda element ta' prova għaliex kienu jirriżulta *ictu oculi* mill-atti tal-kawża. Dan l-appellanti jissottomettuh b'mod partikolari fir-rigward ta' l-eċċezzjoni preliminari tagħhom ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Huma jissottomettu illi l-Ewwel Qorti ma kinitx kompetenti biex tisma' l-kawża għaliex il-kumpannija minnu rappreżentata kienet kumpannija bl-uffiċċju rreġistrat tagħha Malta u bid-diretturi tagħha *t-tnejn residenti* f'Malta; kellha allura s-soċjetà d-dritt li teċepixxi l-*privilegium fori*. L-appellanti jippretendu li l-fatti li huma ndikaw l-indirizz ta' uffiċċju f'Malta kellu jkun biżżejjed biex l-Ewwel Qorti tiddeċidi favorevolment l-eċċezzjoni preliminari tagħhom f'dan ir-rigward. Dan hu għal kollox skorrett. *Il-fatt li jiġi ndikat* indirizz fejn kellha ssir in-notifika ta' l-atti, bl-ebda mod ma jikkostitwixxi prova li dan il-lok kien l-uffiċċju reġistrat tas-soċjetà appellanti. *Dan il-fatt kellu* neċessarjament *jiġi* ppruvat permezz ta' l-aħjar prova u ċertament li ċertament ma kinitx dik. Lanqas seta' jiġi preżunt *li ż-żewġ diretturi ta' din is-soċjetà* kienu residenti fil-gżira ta' Malta. Ma hemm xejn x'jindika dan fl-atti kif lanqas hemm xi prova li dawn id-diretturi ma kinux

residenti fil-gżira ta' Għawdex. Inoltre, minn imkien mill-atti ma tirriżulta x'insistenza da parti tas-soċjetà appellanti fuq din l-eċċezzjoni li kellha tiġi deċiża qabel ma l-Qorti tgħaddi kif għamlet biex tikkunsidra l-meritu;

L-assenza ta' l-appellanti *nomine* quddiem l-Ewwel Qorti ma jistax jiġi kkunsidrat bħala rinunzja għal din l-eċċezzjoni li, kif ingħad, bl-ebda mod ma tirriżulta ssuffragata mill-provi;

L-appellanti *nomine* jissottomettu li l-atturi *nomine* ma pproduċewx l-aħjar provi biex jissostanzjaw it-talbiet tagħhom. Dawn huma sottomissjonijiet li kien jeħtiġilhom li jagħmlu quddiem l-Ewwel Qorti u mhux hawn. Una volta l-appellanti *nomine* manifestament naqsu li jikkuntestaw il-provi attriċi in sede proprja u fil-mument opportun ma jistgħux issa f'dan l-istadju quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni jittantaw li jagħmlu dan. L-Ewwel Qorti kienet sodisfatta bil-provi prodotti mill-appellati *nomine* in sostenn tat-talbiet tagħhom. Din il-Qorti ma tarax kif u għaliex għandha issa tissindika dak l-apprezzament li għamlet tal-provi;

L-appellanti *nomine* naturalment jilmentaw illi l-Ewwel Qorti naqset li teżamina u tiddeċidi l-punti ssollevati minnha fit-trattazzjoni orali dwar jekk it-talbiet attriċi rriżultawx fondati fil-konfront tal-kumpannija appellanti jew tal-konvenut l-ieħor *nomine*. Din il-Qorti ppruvat mill-atti ssib xi traċċa ta' din il-kontestazzjoni orali iżda *pur troppu* din ma rriżultatilhiex. Minn imkien mill-atti ma jirriżulta li s-soċjetà appellanti ttantat tagħmel xi sottomissjonijiet orali li biex tagħmilhom kellha, wieħed jifhem, tkun b'xi mod preżenti għal xi waħda mill-ħafna seduti quddiem l-Ewwel Qorti;

L-aggravji kollha ta' l-appellanti *nomine* huma għal kollox insostenibbli. Aggravji oħra ssollevati quddiem din il-Qorti li

dwarhom lanqas biss kienet saret eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jiġu skartati bħala inammissibbli f'dan l-istadju;

Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti *nomine*.